KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 24Ad hoc_02/11/07/V**

## MINUTI TA L-ERBGĦA U GĦOXRIN SEDUTA (Ad Hoc)

**L-Erbgħa u għoxrin seduta (Ad Hoc)** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **il-Ġimgħa 2 ta' Novembru 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |

Is-seduta bdiet fl-4.00pm b'din l-agenda:

1. **Korrispondenza li l-kunsill irċieva dwar l-*Environment Planning Statement* fuq *Fort Cambridge*.**

1.1 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza kollha li l-kunsill kien irċieva dwar dan is-suġġett liema korrispondenza kienet diġa' ntbagħtet lill-kunsilliera kollha u allura kulħadd kien jaf li kien hemm il-ħtieġa li l-kunsill jiltaqa' b'mod urġenti sabiex tittieħed deċiżjoni mil-kunsill saż-żmien stipolat mil-MEPA. Is-segretarju eżekuttiv fakkar lill-kunsilliera dwar il-laqgħa li kienet se tinżamm il-MEPA nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2007 fl-4.30 p.m.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

1.2 Is-sindku sostniet li l-MEPA triq tieħu in kunsiderazzjoni ż-żona ta' l-iżvilupp konċernat b'mod ġenerali. Il-kunsillier M Debono żied jgħid li fil-MEPA irid ikun hemm xi uffiċċjal li jgħaqqad il-proġetti kollha biex jiġi kkalkulat sewwa l-impatt ta' dawn il-proġetti.

1.3 Il-kunsillier M Briguglio qal li hemm bżonn li jsir *Social Impact Assessment* kif ukoll *Health Impact Assessment*. Il-kunsillier M Debono rrefera għall-ammont ta' vetturi li se jgħaddu minn dawn it-toroq liema traffiku se jaffetwa r-rata ta' nies li jistgħu jimirdu.

1.4 Il-kunsillier M Briguglio u M Debono sostnew li għandu jsir *Traffic Impact assessment* b'mod ġenerali. Ġie enfasizzat il-punt ukoll li jrid isir *Environmental Impact Assessment* u mhux *Environmental Planning Statement* u li għandna nistaqsu d-differenza bejniethom.

1.5 Il-kunsill qabel bi qbil unanimu li dawn l-affarjiet kollha hawn taħt għandhom jittieħdu in kunsiderazzjoni bħala l-proposti rikjesti mil-kunsill:

Li l-MEPA tieħu in kunsiderazzjoni dan il-proġett mil-aspett ġenerali.

- Isir *Social Impact Assessment*
- Isir *Traffic Impact Assessment*
- Jittieħdu in kunsiderazzjoni l-infrastruttura u s-servizzi.
- Kif se jaffetwa r-riħ u l-impatt viżiv.
- Jitħejja E*nergy Efficiency Report*
- Jitħejja rapport dwar *Health Assessment* għal nies ta' kull eta'.

*Il-kunsillier N Dimech kien skużat mil-kamra fil-4.40 p.m*

Ġie deċiż li l-laqgħa tal-Kunsill ta' Diċembru ssir nhar l-Erbgħa 5 ta' Diċembru 2007 fl-4.30 p.m.

Is-sindku rreferiet għall-attenzjoni tal-kunsill li l-Ministeru tat-Turiżmu u l-MTA se jagħtu donazzjoni ta' Lm1000 (€ 2325.58) għat-tizjin tal-Milied. L-*Environmental Landscapes Consortium* ukoll se jikkontribwixxi billi se jagħti xi tiżjin milli għandhom. Is-sindku spjegat li flimkien ma' rappreżentanti tal-ħwienet ġiet stabbilita s-somma ta' Lm30 (€69.77) li se tintalab lil kull ħanut li jinsab fi triq Bisazza, ix-Xatt minn *Zara* sa ħdejn *Joinwell*, u x-Xatt minn *Zara* sa ħdejn *Forestals*. Il-kuntrattur li ntgħażel kien is-sur Noel Borg li kien issottometta l-orħos offerta. Kienet ittieħdet in kunsiderazzjoni ukoll li jinxtara l-apparat iżda din kienet se tiġi tqum ħafna flus. Is-sindku spjegat ukoll li l-ħwienet li jinsabu f'Manwel Dimech iddeċidew li ma jissieħbux f'din l-iskema minħabba li kienu se jidħlu f'arranġament ma' parroċċa li kienet se tieħu ħsieb it-tiżjien f'din it-triq.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.00p.m.

| | |
|---|---|
| Josef Grech<br>Segretarju Ezekuttiv | Marina Arrigo<br>Sindku |